**Is-skiet ta' dal-jum**

X'inhu das-skiet kbir li qed jimla' 'l dal-jum?
Hi din solitudni? Tgħid raqad is-Sultan?
Ma tidhirx l-art kemm hi miskina mwerwra?
Fiha jistrieħ hemm Alla umli w setgħan?

Raqad fil-fond fiha l-Alla u Bniedem
Mhux biex jibqa' rieqed raqda mar-reqdin,
Imma biex lilhom iqajjem għall-ħajja
Heżżeż l-art biex jeħlishom w jsiru ħenjin.

Veru li bħala bniedem miet fil-ġisem
Imma bħala Alla hu l-missier tagħna,
Mar fittex lil Adam w anki lil Eva
Ħallilhom l-irbit w issa salvahom magħna.

Daħal ħdejhom is-Sultan l-aktar Għoli
F'idejh għandu l-arma kbira tas-salib,
Sellem lil Adam: "Jiena miegħek dejjem"
U Adam ferħan laqgħu bħala ħabib.

Qajjem lil Adam u qallu b'imħabba:
"Stenbaħ int, li rieqed u qum għall-ħajja",
Feraħ Adam għax dal-kliem kien jistenna
Wara tant niket f'art l-imwiet u għajja.

Ħa jiddi wkoll Kristu fuqek dalgħodu
Int li qomt imfarrak, b'qalbek muġugħa,
Ħabba fik Kristu sar ħuk, bniedem bħalek
Biex ħajtek tirxoxta, ma tkunx mifqugħa.

Stenbaħ f'das-skiet ta' dil-ġurnata
Ifrex l-orizzonti, noħorġu minn hawn,
Minn dad-dwejjaq ta' ħajja mingħajr Alla
Li biex tinfeda trid ukoll talb u sawm.

Isma' l-kliem ħelu li Kristu qed jgħidlek:
"Qum mill-imwiet, inti fija u jien fik,
Int u jien persuna waħda lkoll aħna
Ħallini nqajmek w qalbi b'ferħha tgħattik.

Ja bniedem tibqax vittma ta' dak li tħoss
Imma ħares 'il bogħod lejn is-Sema,
Hemm lestejtlek it-tron tal-Kerubini
Għix miegħi għal dejjem, ismek ... jissemma.

Imżejna t-teżori ta' kull ġid għalik
It-tinda tiegħek hi mgħammra għal dejjem,

Is-Saltna tas-Sema diġà tħejjitlek
Ħa tħobb lil Kristu li lil qalbek żejjen".

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.